MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 235/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Bonnici)**

**Vs**
**Simon Ellul Sullivan**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fid-29 ta' Mejju, 2004, ghall-habta tal-05.30 hrs fi Naxxar Road, San Gwann :**
**1) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura nru. XMN-888 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;**
**2) saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura nru. XMN-888 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma**

**tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Lulju, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 15A u 15B tal-Kap. 65, sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) u skwalifikatu milli jkollu jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta' Lulju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-esponent gie misjub hati taht l-akkuzi dedotti kontra tieghu w tiddikjara lill-esponent mhux hati tal-istess imputazzjonijiet kontrih migjuba w tilliberah minn kull imputazzjoni w kundanna

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti :- li l-Ewwel Qorti ma fehmitx is-sottomissjoni imressqa u ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-istess u tal-artikoli tal-ligi . Dan ghaliex l-eccezzjoni sollevata mid-difiza kienet fis-sens li l-prosekuzzjoni kull ma esebiet kienet *printout* minn xi apparat elettroniku jew tekniku minghajr ma spjegat fil-Qorti x' kien l-apparat li intuza. Kellha tingieb il-prova li dak l-apparat huwa l-apparat permess u approvat mill-Ministru responsabbli sabiex jitkejjel l-alkohol fid-demm skond l-Artikolu 15 I (1) tal-Att VI tal-1988 . Din il-prova kellha tingieb fil-Qorti u mhux fit-triq kif fehmet l-Ewwel Qorti.**

**Semghet ix-xhieda fl-udjenzi tat-13 u l-20 t' Ottubru, 2005;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat il-verbal tas-seduta tal-20 t' Ottubru, 2005, li bih Dr. Peter Fenech ghall-appellant ghamel riferenza**

**ghall-mistoqsija lill-Ispettur Marisa Camilleri dwar l-apparat li ntuza w oggezzjona ghal dik il-mistoqsija minhabba l-fatt illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati ma' ssemma l-ebda apparat u ma ngabu ebda provi dwar apparat u huwa proprju dan fuq x' hiex huwa msejjes l-appell tal-appellant.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mix-xhieda tal-**Ispettur Marisa Camilleri **rrizulta li fid-29 ta' Mejju, 2004, f' xis-6.45 am, wara li t-*test* fit-triq kien gie jindika 71 mg. per 100 ml., hi kienet ghamlet *breathalyser test* tal-appellant id-Depot. Wara li tat it-twissija lill-appellant ir-rizultat gie ta' 79mg. per 100 ml., meta l-limit skond il-ligi hu dak ta' 35 mg. per 100 ml., b' varjazzjoni ta' 5 mg. Hi spjegat li d-dokumenti a fol. 6 u 7 tal-process huma r-*return* li jaghmlu huma meta jaghmlu *breathalyser test.***

PC 1256 Simon Schembri **xehed li fid-29 ta' Mejju, 2004, meta hu kien stazzjonat mall-mobile section, kien mar fuq *collision* u sab Renault XMN 888 fin-nofs. Sar *breathalyser test* fuq l-appellant u r-rizultat kien ta' 71mg. per 100 ml. Hu pero' ma jiftakarx li l-appellant kien xurban u ma nnota xejn dwar xorb. Pero' ovvjament l-*breathalyser test* immarka li kellu l-alkohol go fih. Jaf li jekk it-*test* ikun pozittiv, id-driver jittiehed id-Depot u jsir *test* iehor hemm. It-*test* fit-triq isir billi huma jaghafsu l-buttuni tal-magna biex din tigi *"analysing"* , il-persuna jonfoh go tip ta' straw u l-istrument jimmarka jekk tkunx xrobt jew le.**

PS 78 Joseph Cremona **xehed li fid-data in kwistjoni hu kien gie infurmat mid-Depot li l-Wardens kellhom suspett li l-appellant kien taht l-influwenza ta' xorb. Hu mar fuq il-post f' Naxxar Road, San Gwann, ghall-xil-5.30 am. Hemm sab lill Warden Mariella Micallef u l-**

**car XMN 888 misjuqa mill-appellant. Meta gew tal-Mobile Section, sar it-*test* u r-rizultat kien ta' 71 mg. Hu kien xamm riha ta' xorb fuq l-appellant. L-imgieba tieghu kienet tajba u ma ghamel xejn pero'. Quddiem l-Ispettur rega' sar it-*test* u r-rizultat kien ta' 79 mg. Hu kkonferma d-dokumenti esebiti.**

PC 191 Luke Bugeja **xehed li fid-data in kwistjoni ghall-habta tal-5.30 am kienu marru bhala mobile section biex jaghmlu *test* f' San Gwann. Ir-rizultat kien ta' 71mg , pero' ma nnota xejn dwar xorb. Ma kellimx lill-appellant u ma rahx jixxengel.**

**Il-**Warden 242 Mariella Micallef **xehdet li kien hemm kollizzjoni bi tlitt vetturi mahbuta. Wiehed mid-drivers talabha biex lill-appellant taghmillu *breathalyser test*. L-appellant, li gharfitu fl-awla, kellu riha ta' alcohol u lsienu tqil hafna meta beda jitkellem. Kien bil qeghda. Hi ma staqsietux jekk kienx xorob.**

**Il-**Warden 267 Samuel Micallef **kien qed jidderigi t-traffiku kantuniera boghod u ma seta' jara xejn.**

L-appellant **ma xehedx.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mid-dokument a fol-7 tal-process jirrizulta li l-istess dokument hu *printout* ta' "*Breath Alcohol Test Record"* li nhareg minn Lion intoxilyser 6000MT, serial number AO189 (MT. 1.01) u huwa *Test* number MP/00970/04 mahrug is-Sibt 29 ta' Mejju, 2004 bl-isem tal-persuna koncernata indikat bhala Simon Ellul Sullivan u bil-konnotati kollha l-ohra li jaqblu ma dawk tal-appellant. Dan ir-record juri it-*test* li sar fid-Depot fis-6.52 am kien ta rizultat ta' 79mg/100ml. Id-dokument huwa ffirmat mill-Ispettur Marisa Camilleri.**

**Id-dokument a fol. 8 umbaghad hu r-rizultat miktub tal-ezami li sar fuq il-post fuq l-appellant , wara li hu ta l-kunsens tieghu biex dan ikun jista' jsir u jidher li ta rizultat ta' 71 mg/100ml. kif ukoll ir-rizultat miktub tat-**

***test*** **tan-nifs fuq kampjun li sar fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija u li ta r-rizultat fuq imsemmi. Dan id-dokument hu ffirmat kemm mill-Ispettur Marisa Camilleri u minn PS 78 Schembri.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-uniku aggravju li fuqu qed jakkampa l-appell tieghu l-appellant hu li dan l-apparat li ntuza biex sar il-*breathalyser test* fid-Depot u fit-triq ma giex pruvat li kien  dak approvat mill-Ministru .**

**Illi pero' l-ewwel imputazzjoni mhux bazata fuq xi rizultat ta' *test* li sar fuq strument u tista' tirrizulta pruvata anki minn depozizzjonijiet ta' xhieda okulari li jkunu osservaw lill-sewwieq fuq il-post fejn ikun gie investigat. F' dan il-kaz hemm id-depozizzjoni mhux kontestata ta' Warden 242 Mariella Micallef li l-appellant kellu riha ta' alcohol u ilsienu tqil hafna meta jitkellem. PS 78 Joseph Cremona jikkorrobora lil din ix-xhud u jghid li l-appellant kellu riha ta' xorb. L-appellant ma xehedx biex jikkontradici jew jikkontesta dan u ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel imputazzjoni ghandha tirrizulta pruvata.**

**Ikkonsidrat;**

**Li fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, li allura hi bazata fuq ir-rizultat tal-istrument li ntuza mill-Ispettur Marisa Camilleri, u cioe' l-Lion Intoxyliser 6000, kif jirrizulta mill-*printout* esebita, dan hu proprju l-istrument li jissemma fir-Regolament 2 tar-Regolamenti u l-Ewwel Skeda tar-Regolamenti tal-1998 dwar Testijiet tan-Nifs (Strumenti u Laboratorji) A.L. 129 tal-1998, kif emendati bl-Avviz Legali 366 tas-sena 2002,  bhala dak li gie approvat mill-Ministru b' Regolamenti skond l-artikolu 15E (1)(a) tal-Kap.65. Konsegwentement li l-istrument uzat f' dan il-kaz  hu l-istrument approvat mill-Ministru jirrizulta mill-istess ligi w ma hemmx ghalfejn issir il-prova tieghu quddiem Qorti, ghajr id-dokument innifsu esebit li gie ffirmat u konfermat  bil-gurament kemm mill-Ispettur Camilleri kif ukoll mis-**

**Surgent Schembri. Ghalhekk l-aggravju tal-appellant f' dar-rigward hu nfondat u qed jigi respint.**

**Pero' din il-Qorti ma tistax ma tosservax li meta sar l-allegat reat u meta saru l-analizi tal-kampjuni tan-nifs u cioe' fid-29 ta' Mejju, 2004 , kien ghadu ma dahalx in vigore l-Avviz Legali 418 tas-sena 2004 li gie pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fl-24 ta' Settembru, 2004. Kien ghalhekk ghadu applikabbli l-Avviz Legali 366/2002 li emenda l-Avviz Legali 129 tas-sena 1998.**

**Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-Sentenza "**Il-Pulizija vs. David John Schembri**" [4.11.2004], ghalkemm skond l-artikolu 15E (3) (a) kampjuni tan-nifs jistghu jinhtiegu li jinghataw fi jew hdejn il-post fejn issir it-talba ghalihom , jew f' ghassa tal-Pulizija , jew fic-centru tas-sahha jew sptar u hija l-analisi ta' xi kampjun li skond is-subartikolu (5) ghandu jsir f' laboratorju li jigi approvat b' ordni tal-Ministru li jigi pubblikat fil-gazzetta, fis-sentenza din il-Qorti : "**Il-Pulizija vs. Etienne Turner" **[6.6.2003] gie ritenut li :-**

***"Huwa veru li l-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 15E donnhom jaghmlu distinzjoni bejn il-kampjun tan-nifs (fejn jissemma espressament l-istrument li bih dawn il-kampjuni ghandhom jigu analizzati) u l-kampjun tad-demm u z-zewg kampjuni tal-urina (fejn jinghad li dawn ghandhom jigu analizzati " …fil-laboratorju…") . Pero' jekk wiehed jara l-Avviz Legali relattiv , ir-regolamenti jissejhu proprju "Regolamenti dwar Strumenti u Laboratorji ghat-Testijiet tan-Nifs" (sottolinear tal-Qorti) . Apparti li dawn ir-Regolamenti kellhom proprjament jirriferu ghall-"analizi" u mhux "testijiet" , l-emfasi kjarament qeghda fuq "in-nifs" u ghalhekk kwalsiasi dubbju li seta' kien hemm dwar jekk l-analizi taz-zewg kampjuni tan-nifs ghandhiex issir ukoll fil-laboratorju approvat mill-Ministru tnehha mill-istess legislatur. Konsegwentement l-analizi maghmula mill-Ispettur Camilleri f' dan il-kaz ma saritx skond il-ligi ghax ma saritx fil-post stabilit mill-ligi."***

**Il-Qorti kienet osservat ukoll li skond it-Tieni Skeda tal-Avviz Legali 366/2002 fuq imsemmi, l-analizi riedet issir fil-Laboratorju Nazzjonali ta' Malta , Evans Buildings, Triq Merkanti , Valletta.**

**Illum il-pozizzjoni hija differenti ghaliex skond ir-Regolament 4(1) tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Testijiet tan-Nifs (Strumenti u Laboratorji) , il-post fejn ikun jinsab l-istrument ossia il-Lion Intoxilyzer 6000-220/240 volts, intiz biex fuqu jsir l-analizi taz-zewg kampjuni tan-nifs skond l-artikolu 15E(1)(a), ghandu ghall-finijiet ta' l-artikolu 15E(5) ta' l-Ordinanza, ikun konsidrat bhala laboratorju . Hija** biss **l-analizi ta' kampjuni tad-demm u/jew tal-urina skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 15E(1)(b) li ghandha ssir fil-laboratorji stabiliti fit-Tielet Skeda, ossia il-Malta National Laboratory , Evans Buildings , Merchants Street, Valletta.**

**Izda il-pozizzjoni skond l-interpretazzjoni moghtija minn din il-Qorti fis-sentenzi fuq citati kienet dik li kienet torbot fiz-zmien l-incident de quo u ghalhekk l-analisi li suppost kellha ssir, suppost li saret fin-National Laboratory u mhux fid-Depot tal-Pulizija kif sar f' dan il-kaz.**

**Ghalhekk ladarba l-analisi tal-kampjun tan-nifs li ttiehed u sar mill-Ispettur Camilleri ma sarx fil-Laboratorju Nazzjonali, dan ma sarx skond il-ligi u konsegwentement ma ghandu ebda valur probattiv. Ghalhekk it-tieni imputazzjoni ma tistax, fic-cirkostanzi, titqies li hija pruvata.**

**Illi ghar-rigward tal-piena pero' hu ovvju li ghab-bazi tal-fatt li nstabet htija tal-ewwel imputazzjoni skond l-artikolu 15A u ta' dak li jippresprivi l-artikolu 15H (1)(a) (2) tal-Kap.65, fil-kaz tal-ewwel kundanna, l-multa minima hi dik ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltin (LM200) u l-iskwalifika tal-hati milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan, ghandha tkun ta' mhux inqas minn sitt xhur, l-uniku temperament fil-piena li jista' jibbenefika minnu l-appellant hu dak ta' riduzzjoni fil-**

**multa minn dik erogata mill-Ewwel Qorti ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) ghal dik minima fuq imsemmija.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w in kwantu ordnat is-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan tieghu ghal zmien sitt xhur, u tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tieni mputazzjoni w in kwantu kkundannatu ghall-multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) u minflok tilliberah mit-tieni imputazzjoni w tikkundannah mitejn lira Maltin (LM200) multa fuq l-ewwel imputazzjoni.**

**It-terminu tas-sospensjoni jibda' ghaddej mil-lum f' nofs il-lejl .**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------